

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea ma kellhiex il-kompetenza legali sabiex tadotta r-regolament ikkontestat.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa dwar tipi ta' żraben u l-impożizzjoni retroattiva tad-dazju antidumping skadut mir-regolament ikkontestat:
  - (i) huwa nieqes minn bażi legali, huwa bbażat fuq żball manifest fl-applikazzjoni tal-Artikolu 266 TFEU u r-Regolament bażiku <sup>(1)</sup> u jikser l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku;
  - (ii) ma huwiex konformi mal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' nonretroattività sa fejn ir-rikorrenti huma kkonċernati; u
  - (iii) huwa bbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 266 TFEU u użu ħażin ta' poter mill-Kummissjoni Ewropea u jikser l-Artikolu 5(4) TFEU.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-impożizzjoni retroattiva tad-dazju antidumping fuq il-fornituri tar-rikorrenti, bl-esklużjoni ta' rimbors tar-rikorrenti, tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea użat ħażin il-poter tagħha fl-evalwazzjoni tal-ekonomija tas-suq u tat-talbiet ta' trattament individwali tal-fornituri tar-rikorrenti sabiex imponiet dazju antidumping retroattiv u kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni; u
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tosserva l-obbligu li jinsab fl-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni meħtieġ mill-Artikolu 296 TFEU.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016 L 176, p. 21).

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2018 – Marriott Worldwide vs EUIPO – AC Milan (AC MILAN)**

(Kawża T-28/18)

(2018/C 094/44)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Marriott Worldwide Corp. (Bethesda, Maryland, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Reid, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjeta Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: AC Milan SpA (Milano, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża*: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark figurattiva li tindika l-Unjoni Ewropea li tinkludi l-elementi verbali "AC MILAN" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 182 615 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 356/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad l-applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea għas-servizzi kkontestati; u
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorreni minħabba f'dan ir-rikors.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2018 – Yado vs EUIPO – Dvectis CZ (Imħadda ta' fuq siġġu)**

**(Kawża T-30/18)**

(2018/C 094/45)

Lingwa tar-rikors: is-Slovakk

**Partijiet**

*Rikorreni*: Yado s.r.o. (Handlová, is-Slovakkja) (rappreżentant: D. Futej, avukat)

*Konvenut*: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell*: Dvectis CZ s.r.o. (Brno, ir-Repubblika Ċeka)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tad-disinn kontenzjuż*: ir-rikorreni

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat*: id-disinn tal-Unjoni Ewropea Nru 2 371 591-0001

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Novembru 2017 fil-Każ R 1017/2017-3

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata fuq l-inammissibilità tar-rikors;
- tordna lill-konvenut jikkunisidra r-rikors u jagħti deċiżjoni dwaru;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża odjerna sostnuti mir-rikorreni.